32003D0913

L 345/113 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 31.12.2003

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tad-19 ta' Diċembru 2003
## rigward il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri rigward l-applikazzjoni proviżorja tad-dispożizzjonijiet ta' kummerċ u dawk relatati mal-kummerċ tal-Ftehim Ewro-Mediterran li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-banda waħda, u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu, mill-banda l-oħra

(2003/913/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 133 tiegħu, f'għaqda ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkonsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Sakemm iseħħ id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Ewro-Mediterran li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-banda waħda, u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu, mill-banda l-oħra, iffirmat fil-25 ta' Ġunju 2001, il-Komunità u l-Eġittu ndaħħlu biex jadottaw proċeduri għall-applikazzjoni proviżorja tad-dispożizzjonijiet tagħha ta' kummerċ u dawk relatati mal-kummerċ.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' kummerċ u dawk relatati mal-kummerċ applikati proviżorjament se jbiddlu d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu ([1]), iffirmat fit-18 ta' Jannar 1977 u l-Ftehim bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu ([2]), iffirmat fi Brussel fit-18 ta' Jannar 1977.

(3) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adotti bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 Ġunju 1999 li tippreskrivi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([3]).

(4) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri għandu għalhekk jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri rigward l-applikazzjoni proviżorja tad-dispożizzjonijiet ta' kummerċ u dawk relatati mal-kummerċ tal-Ftehim Ewro-Mediterran li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-banda waħda, u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu, mill-banda l-oħra, huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri huwa mwaħħal ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri inklużi d-Dikjarazzjonijiet, l-Annessi, il-Protokolli u l-Iskambju ta' Ittri mwaħħal mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għandhom jiġu adottati bi qbil mal-proċedura riferita fl-Artikolu 3(2).

*Artikolu 3*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna minn kumitat rigward kwistjonijiet orizzontali li jikkonċernaw kummerċ fi prodotti agrikoli proċessati mhux imniżżla f'lista fl-Anness I, stabbilit mill-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 3448/1993 ([4]), mill-Kumitat ta' Tmexxija għaz-Zokkor stabbilit mill-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001 ([5]), jew, fejn xieraq, mill-kumitati stabbiliti mid-dispożizzjonijiet korrespondenti ta' regolamenti oħra dwar l-organizzazzjoni komuni ta' swieq jew mill-Kumitat tal-Kodiċi tad-Dwana stabbilit mill-Artikolu 248a tar-Regolament (KEE) Nru 2910/92 ([6]).

2. Fejn tintgħamel riferenza għal dan il-paragrafu, għandhom jgħoddu l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perjodu taż-żmien preskritt fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit ta' xahar.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli tiegħu ta' Proċedura.

*Artikolu 4*

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat illi jinnomina l-persuna(i) mogħtija l-poter li jiffirmaw il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri sabiex jorbot lill-Komunità matul il-perjodu ta' applikazzjoni proviżorju.

---

([1]) ĠU L 266, tas-27.9.1978, p. 2.
([2]) ĠU L 316, tat-12.12.1979, p. 2.
([3]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.
([4]) ĠU L 318, ta' l-20.12.1993, p. 18; Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2580/2000 (ĠU L 298, tal-25.11.2000, p. 5).
([5]) ĠU L 178, tat-30.6.2001, p. 1; Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 680/2002 (ĠU L 104, ta' l-20.4.2002, p. 26).
([6]) ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1; Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2700/2000 (ĠU L 311, tat-12.12.2000, p. 17).

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Diċembru 2003.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. ALEMANNO